A.L. 58 ta' l-1991

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1991 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1991 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 6).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-11 ta' April, 1991.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art li tinkludi kull bini li hemm fuqha u li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern tal-Imtarfa, limiti tal-Imdina, tal-kejl ta' madwar 66,195 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal u Xlokk ma' toroq pubbliċi u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħdar fuq L.D. 303A/90, eskluż iż-żoni u strutturi mpinġija bl-aħmar u bl-isfar (Ex-Service Property No. 16436, 16503, 16505 u kif tranżunta fl-atti tan-Nutar V. Miceli fit-12 ta' Diċembru, 1990).

(2) Id-dar bin-numru 195 Triq San Ġużepp, L-Isla (Ex-Service Property No. 16538).